

Brussell, 15 ta' April 2026
(OR. en)

8225/26
ADD 1

EF 116
ECOFIN 479
DELECT 71

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2300 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)...../..... li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom jitqiesu fl-istabbiliment u fil-valutazzjoni tal-effettività tal-politiki tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tad-ditti tal-investment u li jħassar ir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/575 u (UE) 2017/576

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2300 annex.

Mehmuż: C(2026) 2300 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2026
C(2026) 2300 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE)..../....

li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom jitqiesu fl-istabbiliment u fil-valutazzjoni tal-effettività tal-politiki tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tad-ditti tal-investment u li jħassar ir-Regolamenti Delegati (UE) 2017/575 u (UE) 2017/576

ANNEX

(a)	Ishma u riċevuti tad-depożiti	“Ishma u riċevuti tad-depożiti” kif jissemmew fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(a), tad-Direttiva 2014/65/UE.
(b)	Fondi nnegożjati fil-borża, noti nnegożjati fil-borża u komoditajiet innegożjati fil-borża	“Fondi nnegożjati fil-borża” kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (46), tad-Direttiva 2014/65/UE. “ETCs” u “ETNs” kif imsemmija fit-Tabella 2, it-tielet ringiela, it-tielet kolonna tal-Anness IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 ¹ u speċifikati aktar fit-Tabella 2.4 tat-Taqsima 2 tal-Anness III tiegħu.
(c)	Ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra simili għal ekwità	“Ċertifikati” kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 ² . “Strument finanzjarju li huwa simili għal ekwità ieħor” kif jissemma fit-Tabella 2, ir-raba’ ringiela, it-tieni kolonna, tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 ³ .
(d)	Bonds u strumenti tas-suq tal-flus	“Bonds” kif imsemmijin fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(b), tad-Direttiva 2014/65/UE. “Strumenti tas-suq tal-flus” kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1), il-punt (17), tad-Direttiva 2014/65/UE.
(e)	Prodotti strutturati ta’ finanzjar	“Prodotti strutturati ta’ finanzjar” kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (28), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

¹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta’ Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta’ trasparenza għal ċentri tan-negożjar u ditti ta’ investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta’ emissjonijiet u d-derivattivi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/583/oj).

² Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/587 tal-14 ta’ Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward ta’ standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta’ trasparenza għaċ-ċentri tan-negożjar u ditti ta’ investiment fir-rigward ta’ ishma, irċevuti depożitarji, fondi nnegożjati fil-boroż, ċertifikati u strumenti finanzjarji simili oħrajn u dwar obbligi ta’ eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni fir-rigward ta’ ċertu ishma f’ċentru tan-negożjar jew minn internalizzaturi sistematiki (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 387, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/587/oj).

(f)	Opzjonijiet u futuri ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar	“Opzjonijiet” u “futuri” kif jissemmew fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (7) u (10) tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE.
(g)	Derivattivi oħra	Strumenti finanzjarji kif jissemmew fit-Taqsima C, il-punti (4) sa (8) u (10) tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, ħlief opzjonijiet u futuri ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar.
(h)	Kuntratti finanzjarji għad-differenzi	“Kuntratti finanzjarji għad-differenzi” kif imsemmija fit-Taqsima C, il-punt (9), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE.
(i)	Kwoti tal-emissjonijiet	“Kwoti tal-emissjonijiet” kif imsemmija fit-Taqsima C, il-punt (11), tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE.
(j)	Strumenti oħrajn	Strumenti finanzjarji li ma jaqgħux fid-definizzjoni tal-klassijiet kif imsemmi fil-punti (a) sa (i).